29 ta' Novembru, 1952

Imħallef :

L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

**Dottor Giuseppe Vella, LL.D., ne. *versus* Giovanni Anastasi ne. et.**

**Tassazzjoni — Reġistratur.**

*Meta kawża tiġi ntaxxata "ad valorem", u l-partijiet ma jaqblux fuq l-ammont involut fil-kawża, ir-Reġistratur għandu d-dritt jaġixxi kontra tagħhom biex il-Qorti tistabbilixxi hija dak il-valur, li fuqu mbagħad ir-Reġistratur ikun jista' jintaxxa d-dritt tar-Reġistru u d-drittijiet tad-difensuri. Meta r-Reġistratur hekk jaġixxi ma jistax jingħad li huwa jkun qiegħed iġiegħel lill-Qorti tindaħal fit-tassazzjoni.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, fil-kwalità tiegħu fuq imsemmija, wara li ppremetta illi l-Qorti tal-Kummerċ, b'sentenza tal-14 ta' Ġunju 1951, iddeċediet il-kawża numru 284 ta' l-1951 li l-konvenut Anastasi kien għamel kontra l-konvenuti l-oħra, fis-sens li dawn ta' l-aħħar ġew dikjarati responsabili lejn l-ewwel tad-danni li kienu kkaġunati; u illi dik il-kawża għandha tiġi taxxata "ad valorem"; u illi minn ebda parti tal-massa proċesswali ma jirriżulta x'inhija l-entità tad-danni li l-attur f'dik il-kawża kien jippretendi; u illi l-instanti, b'ittra tal-4 ta' Ottubru 1951, interpella lill-konvenuti biex jindikawlu l-ammont tassabili (dok. A), iżda huma ma qablux (dok. B u C); u illi hekk l-instanti għandu nteress jintaxxa dik il-kawża biex jitħallas tad-dritt tar-Reġistru u biex jiffissa d-drittijiet tad-difensuri, imma ma għandux dati biex jistgħu jiggwidawh biex jasal għal dik it-tassazzjoni ħlief id-dikjarazzjoni magħmula mid-difensuri tal Giovanni Anastasi li l-valur involut kien ta' £3000 (dok. D), liema dikjarazzjoni, la darba ma ġietx aċċettata mill-kontroparti, ma tistax isservi ta' bażi għat-tassazzjoni; talab illi, premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti tal-każ, għall-finijiet biss tat-tassazzjoni "ad valorem" tal-kawża fuq imsemmija, u mingħajr preġudizzju tad-drittijiet reċiproċi bejn il-kontendenti, jiġi minn dina l-Qorti, jekk ikun hemm bżonn per mezz ta' periti, fissat il-valur involut fid-domandi avanzati biċ-ċitazzjoni numru 284 ta' l-1951 u fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Kummerċ tal-14 ta' Ġunju 1951. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, li ġew interpellati biex jagħtu s-subizzjoni tagħhom;

*Omissis;*

Irriflett'et;

Illi l-pretensjoni ta' l-attur tidher ġustifikata. Kif jallega l-konvenut Anastasi, l-ispejjeż ġudizzjarji jiġu ntaxxati u likwidati mir-Reġistratur, imma meta u appena dan ikun fi grad illi jista' jagħmel hekk. Issa, fil-każ tal-kawża in kwistjoni, l-attur ma kienx fi grad illi jagħmel dik it-tassazzjoni, għaliex il-partijiet f'dik il-kawża, jiġifieri l-konvenuti f'din il-kawża, ma qablux dwar l-ammont involut f'dik l-istess kawża. Konsegwentement, biex jottempera ruħu għad-dmirijiet tiegħu, l-attur kellu jirrikorri lejn dina l-Qorti b'din il-kawża;

Bil-proċedura segwita minnu, l-attur ma jiġix illi qiegħed iġiegħel lill-Qorti tindaħal fit-tassazzjoni tal-kawża, kif jalle-l-konvenut Anastasi, biex il-Qorti stess tintaxxa l-ispejjeż ta' dik il-kawża, imma qiegħed biss jirrikorri lejn dina l-Qorti biex ikun jista' jottjeni, fil-kontestazzjoni tal-partijiet f'dik il-kawża, l-entità tal-valur involut fiha, u hekk ikun jista', skond id-dmirijiet tiegħu, jintaxxa l-ispejjeż u d-drittijiet ta' l-istess kawża; liema ħaġa, mingħajr dan ir-rikors, ma setax jagħmilha. B'dan il-mod it-tassazzjoni tibqa' ssir, kif għandha ssir, mill-attur, u mhux mill-Qorti; tant hu hekk, illi bid-determinazzjoni ta' l-entità tal-valur fuq imsemmi ma ssirx it-tassazzjoni, imma t-tassazzjoni tkun għad trid issir, u din jagħmilha, kif għandu jagħmilha, l-attur. U in bażi ta' l-art. 762 tal-Kodiċi ċitat, jidher evidenti illi l-attur f'din il-kawża minħabba ċ-ċirkustanzi fuq imsemmijin, kellu bilfors jitlob illi l-valur involut fil-kawża ġà msemmija jiġi determinat bi stima ta' periti;

Illi d-dispożizzjonijiet tal-liġi u l-ġurisprudenza ċitati mill-konvenut Anastasi ma japplikawx preċiżament għall-każ taħt eżami; għaliex, (a) kif ġà ngħad, bil-proċedura segwita mill-attur, dan mhux qiegħed iġiegħel lill-Qorti tindaħal fl-attribuzzjonijiet tiegħu u tintaxxa hija stess l-ispejjeż tal-kawża; (b) il-konvenuti l-oħra m'humiex jopponu t-tassazzjoni, u dan evidentement għaliex it-tassazzjoni għadha ma saretx; huma opponew biss id-dikjarazzjoni tal-konvenut Anastasi; (c) id-dikjarazzjoni ta' l-istess konvenut ma hijiex biżżejjed għall-finijiet ta' l-art. 762 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, għaliex dik id-dispożizzjoni hija ntiża biss għall-finijiet tal-kompetenza, u r-Reġistratur għandu jintaxxa d-drittijiet fuq talba ta' min ikollu nteress, u t-talba għandha ssir b'nota li turi x-xogħlijiet li għalihom tintalab it-taxxa (art. 555 (1) (e) Kod. ċitat), u l-konvenut Anastasi din it-talba ma għamilhiex; u jekk qatt dik id-dikjarazzjoni tiegħu tista' tammonta għat-talba, l-istess żgur illi m'hijiex fit-termini li trid il-liġi. Fl-14 ta' Frar 1952 il-kawża ġiet differta biex dak il-konvenut jipproduċi nota u prospett in bażi għal dak li ntqal—ħaġa li l-konvenut Anastasi ma għamilx; (d) il-każi ċitati mill-konve-

nut Anastasi juru l-prattika segwita mill-Qorti ta' l-Appell għall-finijiet ta' l-Appell lill-Kumitat Ġudizzjarju tal-Maestà Tagħha r-Reġina, u mhux għall-finijiet bħal dawk ta' dina l-kawża;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni tal-konvenut Anastasi, bl-ispejjeż kontra tiegħu; u għall-finijiet tat-talba ta' l-attur, tinnomina bħala perit, biex jiffissa l-valur involut fid-domandi avanzati biċ-ċitazzjoni msemmija fl-att taċ-ċitazzjoni u fid-deċiżjoni relativa, bi spejjeż provviżorjament ta' l-attur, il-konvenut Anastasi u l-konvenuti l-oħra, terz kull wieħed, lill-Avukat Dr. Carmelo Zammit, u tagħtih il-fakoltajiet kollha.............. Il-perit għandu jippreżenta r-relazzjoni mhux aktar tard..............;

Spejjeż riżervati.